**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U TLETIN**

**20 ta' MEJJU 2013**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda l-laqgħa.

**37.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

37.1.1 Fir-rigward ta' punt 36.1.2 kien hemm qbil li tintbagħat reminder biex isir ix-xogħol ordnat.

37.1.2 Fir-rigward tal-kwistjoni fuq il-bini li nbena fi Triq San Martin kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jistaqsi:

- lill-Mepa, għall-allignment tat-triq kif kienet qabel sar il-bini u jekk il-bini sarx skont l-allignment t'issa.
- Lid-Dipartiment tal-Artijiet meta inxtrat l-art biex jinbena tali bini u meta kienet ħarġet l-applikazzjoni għax-xiri.
- Lill-Perit William Lewis biex jagħti risposti għall-punti t'hawn fuq u appuntment miegħu flimkien mal-perit tal-Mepa fuq il-post biex jiġi ċċekjat jekk il-post mexiex skont il-linji tal-

Mepa.

37.1.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-membri li għalissa ma jistax isir patching minħabba li sar appell minn kuntrattur fuq it-tender li aġġudika l-Kunsill.

Il-membru Joseph D'Amato qal li issa jkun il-Kunsill li jiddeċiedi lil min jagħti xogħol li jinqala sakemm tinħareġ ir-risposta mill-Bord tal-Appelli.

37.1.4 Il-Minuti tas-seduta numru 36 ġew approvati.

### *37.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson*

37.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li persuni talbu lill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra biex jissussidja trasport minn Bubaqra għall-iskola Primarja taż-Żurrieq għal waqt Skola Sajf.

Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jitlob lill-Ministeru tal-Edukazzjoni biex jipprovdi hu tali trasport.

37.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina bħalissa għanda devoluzzjoni ta' 3 *shelters*, fosthom wieħed f'Misraħ Santa Marija. Iċ-Chairperson informa lill-membri li l-bokka ta' dan ix-*shelter* diġa tħaffret u tinsab mogħttija bil-blajjet. Din tinsab wara l-istatwa ta' Santa Marija.

### *37.3 Festa Raħħala Żrieraq (Rendikont)*

37.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-attivita' Raħħala Żrieraq kienet suċċess u fl-aħħar ta' din il-ġimgħa ser jitalbu l-fondi mid-Dipartiment għal tali attivita'.

Kien hemm qbil fuq dan.

### *37.4 Xogħol pendenti*

37.4.1 Il-membru Joseph Caruana ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li jsir *refresh* ta' linji tat-traffiku f'Bubaqra fosthom iż-*zebra crossing* ta' Vjal l-Indipendenza.

37.4.2 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn li jsiru *parking bays* fi Triq Sant Agatha ghax il-vetturi qed jostakolaw it-triq bil-parkeġġ.

Kien hemm qbil li jitalab appuntament ma' rapreżentant tal-Koptasin biex ikunu jistgħu jfasslu *parking bays* ħalli wara li jiġu approvati mit-TM jiġi ordnat ix-xogħol.

37.4.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li reġgħa ġie avviċinat minn missier ta' persuna bi bżonnijiet speċjali li toqgħod fi Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia fejn talbet li jsiru linji sofor tul il-garaxx tiegħu minħabba li qed isibha diffiċli li joħroġ u jdaħħal il-vettura tiegħu fil-garaxx minħabba l-vetturi tal-klijenti li jkollu t-tabib fl-istess triq.

Kien hemm qbil li tali linji jsiru kemm jista jkun malajr biex lil din il-persuna jonqsilha dan l-inkonvenjent.

37.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Amministrattiv li ġie avviċinata mill-Kuntrattur Charot Grech, li ħa t-tender tal-proġett fi Triq Fra Gan Marie Zammit fejn infurmha li lest li jibda x-xogħol tat-tender u jitħallas f'żewġ partijiet – f'parti meta jlesti x-xogħol u f'parti oħra mil-budget tas-sena d-dieħla.

Il-membru Joseph D'Amato qal li fil-prinċipju mal-ewwel ma qabilx li l-Kumitat Amministrattiv għandu jħallas għal devoluzzjoni ta' art li suppost inaddafha u jieħu ħsiebha l-gvern. Hu żied jgħid li dan kollu għadu jogħdd avolja inbidel il-gvern.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li dak li qal il-membru Joseph D'Amato hi l-opinjoni tiegħu biss għax il-Kumitat kollu kien qabel li l-Kumitat għandu jieħu l-art b'devoluzzjoni biex jiżviluppha u jnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti tal-akwata.

Il-membru Joseph D'Amato qal li l-Kumitat kollu kien qabel li jsir il-proġett minn fondi tal-EUC jew tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, imma issa li, la fondi mill-EUC u lanqas fondi mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ma waslu, ma jaqbilx li għandu jkun il-Kumitat Amministrattiv li joħroġ tali fondi.

Kien hemm qbil li l-ewwel tintalab talba biex issir il-wiċċ ta' Triq Fra Gan Marie Zammit mill-Gvern għax din kellha issir sas sena 2008 u wara jerġa jiġi diskuss is-suġġett f'seduta oħra.

37.4.5 Il-membru Joseph Caruana talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tistaqsi għar-rendikont ta' ċitazzjonijiet li ingħataw fiż-żona ta' Bubaqra. Hu talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex uffiċċjalment tistaqi lis-

Sindku u lill-Kunsill għaliex qed jingħataw permessi mis-Sindku biex trakkijiet jagħddu minn Triq Ħal Far avolja l-Kumitat Amministrattiv ilu jisħaq mal-Authorised Officer Anthony Borg Caruana u mal-għassa taż-Żurrieq biex dawn ma jagħddux.

Il-membru Joseph Caruana talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tressaq ir-risposta/spjegazzjoni li jkun ta s-Sindku u l-Kunsill fis-seduta li jmiss.

37.4.6 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri talbet li jitwaħħlu tabelli biex ma jintefgħax skart fi Triq il-Qiegħa. Hi talbet ukoll biex tissewwa lampa li ilha ġimgħat maqtugħa fi Triq Kalang Bugeja.

Kien hemm qbil ma li dawn l-ilmenti jiġu solvuti.

37.4.7 Il-membru Annetto Bugeja talab li fi Triq l-Arċipriet E Mifsud issir tabella biex sidien tal-klieb jiġbru l-ħmieġ li jagħmlu l-klieb tagħhom.

Kien hemm qbil fuq dan.

37.4.8 Il-membru Annetto Bugeja qal li l-wirja ta' artiġjant Malti u għodod antiki li kien ser jorganizza f'Ġunju ma saritx. Hu qal li kien avviċina lill-membri tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria fejn talab l-għajnuna tagħhom għall-organizzazjoni ta' din il-wirja, imma l-Għaqda infurmat li ma kienetx lesta li toffri għajnuna minħabba li d-data pproponuta kienet qrib wisq il-festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Il-membru Annetto Bugeja qal li tkellem ma' rappreżentanti tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM fejn infurmawh li kienu lesti li jgħinu fl-attivita' imma jekk tali attivita' issir fis-17/18 ta' Awwissu.

Kien hemm qbil li tali attivita' issir fid-dati 17/18 ta' Awwissu u l-Kumitat Amministrattiv joħroġ fondi biss għal *mobile toilets*, permessi tal-pulizija/wardens u jekk ikun hemm il-bżonn *posters* li fihom ikun indikat li l-attivita' qed issir mill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra bil-kollaborazzjoni tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM.

37.4.9 Il-membru Joseph D'Amato qal li reġa ġie avviċinat biex issir 'No parking' il-pjazzetta li hemm fi Triq Morphu biex il-vetturi jkunu jistgħu jdawru fiha u mhux joħorġu mit-triq b'lura.

Kien hemm qbil li jintalab permess mit-TM u wara jiġi ordnat ix-xogħol meħtieġ.

37.4.10 Il-membru Joseph D'Amato talab biex tabelli li jindikaw '*No entry for heavy vehicles'* li kien hemm fi Triq in-Nigret jerġgħu jitwaħħlu, issa li tlestiet it-triq bit-tarmak. Hu żied jgħid li għandhom isiru *double yellow lines* fil-kantunieri tal-HOS Bubaqra biex ma jkunx hemm parkeġġ fil-kantunieri.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

37.4.11 Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kumitat Amministrattiv jitlob stima ta' Triq it-Torri biex isirilha wiċċ ġdid.

Kien hemm qbil li l-istima titressaq fis-seduta li jmiss.

***37.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

37.4.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju, 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Is-Seduta ġiet fi tmiema b'dan il-punt fis-7.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Ġunju, 2013.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**